A.L. 50 ta' l-2005

ATT TA' L-2005 LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. I TA' L-2005)

Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 1 ta' l-Att ta' l-2005 li jemenda l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern stabbilixxa l-25 ta' Frar, 2005 bħala d-data meta d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 2, l-artikoli 10, 12, 13, 19, is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) ta' l-artikolu 21 u l-artikolu 26 ta' l-imsemmi Att għandhom jibdew iseħħu.